Język polski
La lengua polaca
A lengyel nyelv
Lenkų kalba
Língua polaca
La lingua polacca
The Polish Language
Poljski jezik
Polnisch
Le Polonais
Polska
Πολωνική Γλώσσα
Det polske sprog
Polský jazyk
Poľský jazyk
Poļu valoda
Poola keel
De Poolse taal
Puolan kieli

# L-Ilsien Pollakk

**Contributors:**


The Polish text by . . . . . . . . . . . . prof. dr hab. Walery Pisarek
Czech translation by . . . . . . . . . . Teresa Piotrowska-Małek
Dannish translation by . . . . . . . . Andrzej Zalewski
Dutch translation by . . . . . . . . . . Agnieszka Bienias
English translation by . . . . . . . . . Marta Usiekniewicz
Estonian translation by . . . . . . . Aarne Puu
Finnish translation by . . . . . . . . . Sirkka Ojaniemi
French translation by . . . . . . . . . dr Wanda Jadacka
German translation by . . . . . . . . Andreas W. Meger
Greek translation by . . . . . . . . . . Przemysław Kordos
Hungarian translation by . . . . . . Ildikó Kozak
Italian translation by . . . . . . . . . . Maciej Jaskot
Latvian translation by . . . . . . . . . Ieva Palaša
Lithuanian translation by . . . . . . dr Ana Romančuk
Maltese translation by . . . . . . . . Carmel Azzopardi
Portugese translation by . . . . . . . Agata Adamska
Slovak translation by . . . . . . . . . doc. PhDr. Marta Pančíková, PhD.
Slovenian translation by . . . . . . . Jasmina Šuler-Galos
Spanish translation by . . . . . . . . Magdalena Adamczyk
Swedish translation by . . . . . . . . Grażyna Tatar

Design by . . . . . . . . . . . . . . . . . . Tomasz Korwin-Szymanowski
Edited by . . . . . . . . . . . . . . . . . . . Agata Hącia

Published by The Council for the Polish Language
Warsaw 2007

ISBN: 978-83-916268-2-5


Rada Języka Polskiego


**The Council for the Polish Language**
ul. Nowy Świat 72
00-330 Warszawa
*www.rjp.pl*


Towarzystwo Kultury Języka


This publication has been partially founded by the Ministry of Culture and National Heritage, the Senate of the Republic of Poland and Langenscheidt Polska


Edukacja Kulturalna

Langenscheidt Polska


Production: PPHU TURKUS-POL Warszawa, e-mail: turkuspol@wp.pl

# IL-Ilsien Pollakk

Bi 38 miljun ruħ li jitkellmu l-Pollakk fil-Polonja, b'2 miljuni f'pajjiżi oħra Ewropej u b'madwar 8 miljuni kelliema nattivi barra l-Ewropa, il-Pollakk hu wieħed mill-25 ilsna l-aktar mitkellma fid-dinja. Huwa wieħed mill-ilsna l-aktar mitkellma fl-Ewropa u s-sitt lingwa ta' l-UE skond in-numru ta' kelliema nattivi. Hu użat, f'livelli ta' kompetenza differenti, minn kważi 50 miljun ruħ. Skond il-"Languages of the World", il-Pollakk hu mitkellem miċ-ċittadini ta' 21 pajjiż u hu l-ilsien nattiv ta' 45 miljun ruħ.

Il fuq minn 37 miljun kelliem nattiv tal-Pollakk jgħixu fil-Polonja, fejn komunitajiet minoritarji lingwistiċi jikkostitwixxu mhux aktar minn 3-4% tas-soċjetà, i.e, inqas minn miljun ruħ. Skond "Europeans and their languages", 98% tal-Pollakki jsostnu li l-Pollakk hu l-lingwa nattiva tagħhom, filwaqt li l-membri tal-komunitajiet minoritarji lingwistiċi huma x'aktarx bilingwi, i.e. jitkellmu wkoll il-Pollakk. Bħala regola, l-ġenerazzjoni żagħżugħa taqra u tikteb bil-Pollakk ukoll.

Il-Pollakk - flimkien maċ-Ċek, is-Slovakk, is-Sorabjan tan-naħa ta' Fuq u ta' Isfel, u l-Polabjan (lingwa mejta) - jappartjeni għall-grupp Slavoniku tal-Punent tal-familja ta' l-ilsna Indo-Ewropej li, min-naħa tiegħu, jinqasam f'żewġ sotto-kategoriji: il-lingwa *satem* u l-lingwa *kentum*. L-ilsna *satem* jinkludu l-Pollakk flimkien ma' ilsna oħra Slavoniċi, Baltiċi u Iranjani (cp. iċ-Ċek *srdce*, il-Litwan *širdis*, il-Pollakk *serce* ma' l-Ingliż *heart*, mal-Franċiż *cœur*, mal-Griek *καρδιά*, mal-Latin *cor* u mal-Ġermaniż *Herz*).

Hemm diversi karatteristiċi li jiddistingwu lill-Pollakk mill-ilsna l-oħra Slavoniċi tal-Punent, pereżempju:

1. is-sostituzzjoni tal-konsonanti riżonanti (sillabiċi) preċedenti r u l b' ar u ier jew il. (cp. il-Pollakk *sarna* 'ċerv tat-tip roe', *kark* 'għonq', *pierścień* 'ċurkett', *wilk* 'volpi' maċ-Ċek *srna, krk, prsteń, vlk*);

2. iċ-ċaqliq mill-konsonanti palatali *t', d'* u *r'* għall-affrikati palatali *ć, dź* u għall-frikattiva palatali *rz,* rispettivament;

3. aċċent penultimu regolari u l-assenza tal-kwalità vokalika u ta' l-intonazzjoni (bl-eċċezzjoni ta' l-intonazzjoni espressiva).

Gwarzące różnym językiem narody

gwarzące

# Karatteristiċik Speċjali tal-Pollak

**Fonoloġiakment,** il-Pollakk hu magħruf għan-numru limitat ta' vokali (irrappreżentati mill-ittri: *a, e, o, u, i, y, ę* u *ą,* mingħajr ebda indikazzjoni tal-kwantità vokalika u l-ammont kbir ta' konsonanti, li ħafna drabi jidhru f'għenieqed. Minkejja n-numru relattivament żgħir ta' vokali, il-Pollakk jinkludi żewġ vokali li ma jinsabu fl-ebda lingwa Slavonika moderna oħra u li huma wkoll rari fl-ilsna Ewropej. Dawn il-ħsejjeż kienu jeżistu fil-perjodu Protoslavoniku u għadhom jintużaw fil-Pollakk modern. Huma n-nażali *ą* (kuntraju għall-mod kif tinkiteb, hija o nażali u mhux a nażali) u *ę*. Madankollu, fil-Pollakk mitkellem in-nażalità xi drabi tisparixxi. Meta tkun finali fil-kelma *ę* titlissen bħal e, e.g. *lubie cie* 'inħobbok'' minkejja l-forma grafika *lubię cię*, filwaqt li l-ą iżżomm il-karattru nażali tagħha, e.g. *taką ładną książkę* 'ktieb hekk sabiħ'. Meta fil-kelma, iż-żewġ vokali jżommu n-nażalità tagħhom biss meta jaħbtu qabel il-frikattivi (grafikament w, f, s, z, sz, ż, ś, ź u ch), filwaqt li qabel konsonanti oħra (p, b, d, t, c, dz, cz, dż, dź, k, g), huma jitlissnu bħal [e'] jew [o'] rispettivament b'konsonanti nażali separata - labjali, dentali jew palatali skond il-konsonanti li tiġi wara. Pereżempju, *wąsy* 'mustaċċi' u *węch* '(sens tax-) xamm' jinkitbu u jitlissnu b'vokali nażali, iżda *ząbek* 'sinna' (diminuttiv), *zęby* 'snien', *wędka* 'qasba tas-sajd' pięć 'ħamsa' jinkitbu biss bil-vokali nażali, imma jitlissnu *zombek, zemby, wentka, pieńć* rispettivament. Meta jaħbtu qabel l jew ł, kemm ą u kemm ę jitilfu n-nażalità tagħhom. Hekk, minkejja l-forma ortografika *wziął* '(hu) ħa' u *wzięli* (huma (maskil) -'ħadu.') il-forma mlissna hi *wzioł* u *wzieli.*

L-impressjoni li test Pollakk hu miżgħud bil-konsonanti ġejja l-aktar mill-forma ortografika. Ħsejjes li ma jistgħux jiġu rrappreżentati grafikament permezz ta' l-alfabett Latin jiġu rrappreżentati grafifikament permezz ta' digraff, e.g. id-digraffi *sz* u *cz* jirrappreżentaw grafikament il-ħsejjes *š* (ix-sh Ingliża) u *č* (iċ-ch Ingliża) rispettivament. Xi sentenzi jkunu ivvintati proprju biex jiċċassaw u jwerwru lill-barranin, bħal pereżempju:

*W gąszczu szczawiu we Wrzeszczu* 'Fir-roqgħa qarsu f'Wrzeszcz.'
*Klaszczą kleszcze na deszczu.* 'Il-qurdien qed iċapċap fix-xita.'

jew

*W Szczebrzeszynie chrząszcz i trzmiel brzmią w trzcinie.*
'F'Szczebrzeszyn il-ħanfusa u n-naħla bagħlija qed iżanżnu fil-ħaxix.'

Ħaġa ta' l-iskantament, is-sentenza:

*Mali po polu hulali i pili kakao.*

'Iċ-ċkejknin iżziebru fl-għalqa u xorbu l-kokotina.

hi wkoll test Pollakk.



Chrząszcz brzmi w trzcinie

Madankollu, mhux it-tlissin ta' *š* (ix-sh Ingliża) u *č* (iċ-ch Ingliża), lanqas l-għanqud magħmul miż-żewġ šč (ix-shch Ingliża) ma huma l-aktar diffiċli għall-istranjieri jew għall-kelliema ta' ilsna oħra Slavoniċi. L-akbar diffikultà hi fid-dinstinzjoni bejn il-frikattivi: s (e.g. sam ‘waħdu’), s’ (e.g. sinologia ‘sinoloġija’), ś (e.g. śmiech ‘daħka’) u š li tinkiteb = sz (e.g. szpilka ‘pinn’). L-istess jgħodd għall-affrikati c (e.g. cały ‘sħiħe’), c’ (fi kliem missellef, e.g. cito), ć (e.g. ćma ‘baħrija’) u č li tinkiteb cz (e.g. czapka ‘kappell’).

**Konsonanti finali fil-kelma dejjem isofru telf tal-leħen,** u għalhekk illissnu [grat] minkejja li niktbu grad ‘silġ’. Is-sitwazzjoni tinbidel jekk il-kelma li tiġi wara l-konsonanti finali fil-kelma tibda b'konsonanti mleħħna. F'dan il-każ, il-konsonanti finali tibqa' mleħħna filwaqt li konsonanti mniffsa takkwista l-leħen. Iżda, meta l-kelma li ssegwi tibda b'vokali jew b'reżonanti (i.e. l, r, m u n), it-tleħħin jew it-telf tal-leħen tal-konsonanti finali jkun jiddependi minn varjazzjoni reġjonali. Hawnhekk il-kelliema tal-Pollakk jadottaw żewġ prattiki differenti. Fit-Tramuntana (Mazovia, inkluż Warsaw) iseħħ it-telf tal-leħen (e.g. brat ojca ‘ħu l-missier’, brzek lasu ‘it-tarf tal-foresta’), filwaqt li f'Małopolska, inkluż fi Kraków, il-konsonanti finali huma mleħħna (e.g. brad ojca, brzeg lasu). Dan il-fenomenu jissejjaħ sandhi u jeżisti wkoll f'ilsna oħra, e.g. fil-British English.

**L-aċċent tal-kelma** hu regolari, x'aktarx jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel ta' l-aħħar (hemm eċċezzjonijiet regolari għal din ir-regola). Il-kelmiet fil-biċċa l-kbira huma polisillabiċi. It-tul tagħhom hu kkaġunat miż-żidiet inflettivi fit-tarf tal-kelma, kif ukoll mill-affissi li jiżdiedu biex jimmodifikaw it-tifsira tal-kelma jew biex jagħtuha ton emottiv.

Il-Pollakk **hu lsien inflettiv;** in-nomi, l-aġġettivi, in-numri u l-pronomi għandhom:

- seba' forom tal-każi (nominattiv, ġenittiv, dattiv, akkużattiv, strumentali, lokattiv, vokattiv):
- żewġ forom ta' l-għadd (singular u plural)
- tliet forom tal-ġens fis-singular:
- żewġ forom tal-ġens fil-plural:

il-verb għandu diversi forom li jvarjaw skond il-persuna, l-għadd, il-ġens grammatikali, it-temp, l-għażla bejn attiv u passiv u l-aspett.

Meta mqabbel ma' l-ilsna Ġermaniċi u Rumanzi, il-Pollakk għandu **kategorija kumplessa ta' l-aspett** li titqies li hi derivattiva aktar milli inflettiva. Din isservi bħala forma ta' kumpens fil-każ ta' numru limitat ta' tempijiet. Prefissi u suffissi verbali jimmarkaw l-aspett perfettiv jew imperattiv (e.g. zrobić ‘għamel’ f'kuntrast ma' robić ‘jagħmel’). Huma jimmarkaw ukoll valuri oħra aspettwali,

ngħidu aħna r-repetizzjoni (e.g. czytywać 'taqra minn żmien għal żmien'), il-fażi inizjali ta' proċess (e.g. zaśpiewać '(tibda) tkanta'), li xi ħaġa saret drawwa (e.g. rozpić się 'issir sakranazz'), iż-żmien qasir jew twil kemm iddum attività, e.g. potańczyć 'tiżfen għal ħin qasir'u przetańczyć 'tiżfen sa' l-aħħar', etc.. Hi fehma ġenerali li l-aspett hu l-element l-aktar iebes tal-Pollakk bħala lingwa barranija.

Karatteristika oħra speċjali tal-Pollakk hi s-sistema tan-numri tiegħu li jiġu ddeklinati skond il-każ u l-ġens. Minbarra n-numri kardinali u ordinali, il-lingwa għandha wkoll numri li huma multiplikattivi, indefiniti, frazzjonali, multipli u kollettivi. **Il-forma tan-numru dejjem tiddependi mill-oġġett li qed jingħadd,** hekk pereżempju l-Pollakki jlissnu: dwa konie 'żewġ żwiemel', imma dwaj chłopcy//dwóch chłopców 'żewġt itfal subien', dwie dziewczynki 'żewġt itfal bniet' u dwoje dzieci 'żewġt itfal'. Is-sistema hi aktar sempliċi llum milli kienet fl-imgħoddi u forom bħal półtora 'wieħed u nofs', półtrzecia 'tnejn u nofs', półczwarta 'tlieta u nofs', etc., kif ukoll samowtór 'it-tnejn biss, samotrzeć 'it-tlieta biss', samoczwart l-erbgħa biss'' m'għadhomx jeżistu.

Minħabba l-inflezzjoni kumplessa **l-ordni tal-kliem fis-sentenzi hu pjuttost ħieles.** Għandu iżda r-restrizzjonijiet tiegħu mhux minħabba fatturi grammatikali iżda l-aktar minħabba fatturi stilistiċi jew loġiċi. Għalhekk, hu possibbli li wieħed ilissen Ojciec czyta książkę córce, Córce czyta książkę ojciec, kif ukoll Książkę czyta ojciec córce or Córce książkę ojciec czyta u anke Czyta książkę ojciec córce 'Il-missier qed jaqra ktieb lil bintu.' Is-sentenzi kollha msemmija hawn fuq huma grammatikalment korretti u aċċettabbli, għalkemm l-ewwel waħda biss ma teħtieġx kuntest speċjali biex tinstema' naturali.

W następstwie przyjścia w X wieku chrześcijaństwa z Rzymu za pośrednictwem Czech (w przeciwieństwie do Rusi Kijowskiej) ziemie polskie znalazły się w orbicie wpływów zachodnioeuropejskich. Ich przejawem o dalekosiężnych skutkach stało się korzystanie z alfabetu łacińskiego do zapisu najpierw pojedynczych polskich wyrazów, potem zdań, a wreszcie tekstów. To już w okresie rękopiśmiennym, a więc w wieku XV ustaliły się ogólne zasady zapisywania głosek, dla których zabrakło liter łacińskich.

**L-Alfabett.** Bħala riżultat tal-konverzjoni tagħha mill-paganiżmu għall-Kristjaneżmu fl-10 seklu l-Polonja adottat ir-rit Ruman (indirettament permezz tar-renju Ċek) u b'hekk saret parti mid-dinja tal-Punent. Dan kellu impatt qawwi u dejjiemi fuq il-lingwa: l-alfabett Latin għall-ewwel intuża fil-kitba ta' kelmiet sempliċi, imbagħad ta' sentenzi u fl-aħħar ta' testi sħaħ bil-Pollakk. Sa mill-15-il seklu nħoloq mekkaniżmu ortografiku biex jiġu rappreżentati grafikament ħsejjes li ma kienx hemm bħalhom fil-Latin. L-alfabett Pollakk kontemporanju fih 32 karattru li huma: Aa Ąą Bb Cc Ćć Dd Ee Ęę Ff Gg Hh Ii Jj Kk Ll Łł Mm Nn Ńń Oo Óó Pp Rr Ss Śś Tt Uu Ww Yy Zz Źź Żż. Qq, Vv u Xx jidhru fi kliem missellef.

zrobili zrobiły zrobiony zrobiona zrobione zrobieni zrobiwszy zrobiono zrobi się

## Varjanti lingwistiċi

B'paragun man-numru ta' kelliema, Il-Pollakk standard (jew il-Varjant Kulturali, imsejjaħ ukoll l-Ilsien Letterarju Pollakk) hu territorjalment pjuttost omoġenju. Id-diversifikazzjoni preżenti hi riżultat l-aktar ta' fatturi soċjali u professjonali u ta' differenzi ta' reġistru. Bħalissa, l-aktar fenomenu importanti hu l-kuntrast bejn ir-reġistru uffiċjali (pubbliku) u l-lingwa tat-taħdit (privata). Ħlief fil-każ tal-popolazzjoni rurali, id-diferenzi djalettali qed bil-mod il-mod jisparixxu.

Skond kriterji kemm storiċi kif ukoll lingwistiċi, it-territorju li fih jgħixu l-Pollakki jista' jinqasam f'erba' zoni djalettali, kif jidhru f'din id-dijagramma:

| | |
|---|---|
| **Djalett Wielkopolan** | **Djalett Mazovjan** |
| **Djalett Sileżjan** | **Djalett Malopolan** |

Minn dawn l-erbgħa, id-Djalett Sileżjan biss m'hux limitat għal inħawi rurali u hu biss għadu jintuża. Minkejja d-diversità interna tiegħu, hemm it-tendenza li jitqies bħala lsien reġjonali. Varjant tad-Djalett Malopolan użat min-nies li jgħixu fil-Muntanji Tatra (id-Djalett Podhanjan) għadu jintuża ġmielu. Il-Kaxubian, li darba kien meqjus mil-lingwisti bħala djalett Pollakk, issa ġie magħruf bħala ilsien reġjonali separat.

Wpadam do Soplicowa jak w centrum polszczyzny

## Kuxjenza lingwistika

Sa mill-erbatax-il seklu l-Pollakki kienu konxji ta' l-identità lingwistika tagħhom - anke f'dak iż-żmien kienu jiddeskrivu lilhom infushom bħala l-poplu ta' l-islien Pollakk (homines linguae Polonicae). Fl-1140, Jakub Parkoszowic, professur fl-Akkademja ta' Kraków, qabbel lil dawk in-nies li għamlu sforz biex jippreservaw u jtejbu l-lingwa mal-kavallieri li kienu qed jiddefendu l-fruntieri Pollakki. Barra minn hekk, stampaturi saħqu li l-unika raġuni li għaliha kienu qed jippubblikaw il-kotba kienet l-imħabba li kellhom għal-lingwa.

Din l-attitudni lejn l-ilsien nattiv għenet lill-Pollakki biex iżommu l-identità tagħhom waqt iż-żmien tal-qasma (bejn ir-Russja, il-Prussja u l-Awstrija). Il-biċċa l-kbira tal-poeti ta' dak il-perjodu identifikaw 'l art twelidhom mal-lingwa Pollakka. Skond xi studji, fi tmiem l-għoxrin seklu, 92% tal-Pollakki qiesu l-lingwa bħala l-aktar element li jgħaqqad fin-nazzjon, u aktar importanti hu l-fatt li l-lingwa tqieset li hi aktar importanti minn territorju, reliġjoni u anke Stat komuni.

A niechaj narodowie wżdy postronni znają,
iż Polacy nie gęsi, iż swój język mają

## L-Istorja ta' l-Ilsien Pollakk

L-ilsien letterarju Pollakk hu mnissel minn żewġ djaletti Slavoniċi tal-Punent. Wieħed kien jintuża fl-inħawi ta' Wielkopolska (b'ċentri fi Gniezno u Poznan), li kienu mgħammra mit-tribù Polan sa mill-għaxar seklu. It-tieni kien mitkellem mit-tribù Wislan li kien issetilja f'reġjun li aktar tard sar Malopolska u li kellu ċ-ċentru tiegħu fi Kraków. Mazovia kellha sehem inqas fl-iżvilupp tal-Pollakk bikri, għalkemm Warsaw kienet is-sede tal-qorti rjali sa mis-sbatax-il seklu u l-belt kapitali sa mill-1918.

Il-kwistjoni dwar jekk il-bażi ta' l-ilsien kontemporanju kinitx id-djalett Wielkopolan jew id-djalett Malopolan kienet diskussa għal bosta snin. Fil-mument, hemm qbil li l-influwenza taż-żewġ djaletti varjat skond id-dominanza politika ta' kull wieħed mir-reġjuni. Peress li l-istat Pollakk oriġina primarjament mir-reġjun Wielkopolan, l-ewwel ilsien ta' bejn it-tribujiet ħareġ minn hemm. Iżda, meta Kraków saret iċ-ċentru polotiku u kulturali, kif ukoll is-sede tal-qorti rjali, l-ilsien ġie influwenzat mid-djalett reġjonali Malopolan. L-artijiet tal-Lvant kellhom sehem importanti fl-iżvilupp ta' l-ilsien Pollakk fit-18 u fid-19-il seklu għaliex f'dak iż-żmien ħafna mill-kittieba prominenti kien jgħixu f'dak ir-reġjun.

L-eqdem dokumenti Pollakki jmorru lura sas-seklu tnax: dawn jinkludu ismijiet proprji ta' nies u postijiet li dehru f'dokument Latin ta' l-1136. L-eqdem testi sħaħ miktubin bil-Pollakk huma priedki li saru fit-tieni nofs tas-seklu erbatax. L-eqdem u l-itwal test dokumentat hu traduzzjoni ta' ktieb tas-salmi bil-Latin ta' l-1380. L-ewwel manuskritt tat-traduzzjoni tal-bibbja jġib id-data ta' l-1450. Verżjoni pprintjata tiegħu dehret aktar minn mitt sena wara fl-1561. It-tradutturi kienu diġà jistgħu jagħmlu użu mid-dizzjunarju Latin-Ġermaniż-Pollak ta' Jan Marmeliusz ippubblikat fl-1526. L-ewwel grammatika Pollakka, bl-isem

Nie miecz, nie tarcza - bronią Języka,
Lecz - arcydzieła!

Polonicae grammatices institutio inkitbet fl-1568 minn Franċiż naturalizzat Pollakk, Piter Statorius Stojenski. Fl-1661 dehret l-ewwel darba l-gazzetta Merkuriusz Polski li kienet ippubblikata mill-qorti - kif kienet ukoll il-Gazette Franċiża li dehret 30 sena wara.

L-ilsien Pollakk kontemporanju ssawwar fis-16-il seklu, l-aktar bil-ħidma tal-poeti u l-kittieba ta' dak iż-żmien: Biernat of Lublin (ca. 1465- wara l-1529), Mikołaj Rej (1505-1569), Jan Kochanowski (1530-1584) u Piotr Skarga (1536-1612). Madankollu, l-uniformità tiegħu hi frott tal-ħidma ta' l-istampaturi minn Kraków u Silesia: e.g. Jan Haller, Florian Ungler, Maciej Wierzbięta, Hieronim Wietor, Maciej u Marek Szarffenberg.

Il-kunxjenza lingwistika tal-poplu minn dejjem kienet influwenzata ħafna mill-kittieba meqjuma bħall-poeta Ignacy Krasicki 1735-1801), u aktar tard Adam Mickiewicz (1798-1855), Juliusz Słowacki (1809-1849) u Aleksander Fredro (1793-1876). Jerġa aktar tard Henryk Sienkiewicz (1846-1916), u Bolesław Prus (1847-1912) ukoll taw kontribut favur il-kuxjenza lingwistika ġenerali tal-Pollakki. Jidher li kienu l-letteratura, l-istampa u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi li għenu lill-Pollakki biex jippreservaw l-unità lingwistika tagħhom matul il-perjodu ta' itwal minn 120 sena li fih il-Polonja kienet maqsuma bejn ir-Russja, il-Prussja u l-Awstrija. L-impatt tal-letteratura mhux daqshekk b'saħħtu fid-dinja tal-lum, u t-tibdil fil-lingwa jseħħ l-aktar bħala riżultat ta' l-influwenza tal-midja u tar-riklami.

L-ilsien Pollakk kontemporanju ssawwar fis-16-il seklu, l-aktar bil-ħidma tal-poeti u l-kittieba ta' dak iż-żmien: Biernat of Lublin (ca. 1465- wara l-1529), Mikołaj Rej (1505-1569), Jan Kochanowski (1530-1584) u Piotr Skarga (1536-1612). Madankollu, l-uniformità tiegħu hi frott tal-ħidma ta' l-istampaturi minn Kraków u Silesia: e.g. Jan Haller, Florian Ungler, Maciej Wierzbięta, Hieronim Wietor, Maciej u Marek Szarffenberg.

Z językać wszystki mądrości
Nauk wszelkich ich chytrości,
Wszelka sprawa każdej rzeczy
Przez język się zawsze toczy.

# L-Influwenza ta' Ilsna Barranin

Fil-bidu, l-ilsien Pollakk żviluppa flimkien ma' djaletti Slavoniċi oħra. Biż-żmien, telaq għalih waħdu, filwaqt li żied il-vokabularju billi ssellef minn ilsna differenti. L-eqdem kelmiet missellfa jmorru lura saż-żminijiet preistoriċi u ġejjin mill-Iranjan (e.g. bóg ‘alla’, raj ‘ġenna’) u l-Gotu (e.g. chleb ‘ħobż’, książę ‘prinċep’). Il-medjuevu (mill-11 sal-15-il seklu) ra mewġa ta' kelmiet li daħlu miċ-Ċek, mil-Latin u mill-Ġermaniż. Kliem missellef miċ-Ċek u mil-Latin kellu x'jaqsam l-aktar mat-twemmin nisrani u l-organizzazzjoni tal-knisja (e.g. parafia ‘parroċċa’, proboszcz ‘kappillan’, kif ukoll kościół ‘knisja’, opat ‘abbati’, przeor ‘pirjol’). Xi kelmiet sofrew bidliet fonetiċi biex isiru jixbhu liċ-Ċek, ilsien li kien meqjus bħala aktar eleganti. Dan jispjega l-forom wesele ‘festa tat-tieġ’ u serce ‘qalb’ minflok wiesiele u sierce. Mill-Ġermaniż, il-lingwa ħadet terminoloġija teknika u amministrattiva, e.g. dach ‘saqaf’, cegła ‘briksa’, burmistrz ‘sindku’, ratusz ‘uffiċċju tal-kunsill lokali’, wójt ‘kunsillier’.

Is-seklu sittax ġab miegħu influwenza aktar qawwija tat-Taljan u l-Franċiż (e.g. pałac ‘palazz’, kapela ‘banda mużikali’, kalafior ‘pastarda’, łazienka ‘kara tal-banju’, kasa ‘kassa’, opera ‘opra’ u adres ‘indirizz’, bukiet ‘bukkett’, awans ‘promozzjoni’, afera ‘scandlu’, krem ‘krema’, parasol ‘umbrella’). Din l-influwenza damet tinħass sa tmiem is-seklu 19. U fl-istess seklu kien hemm l-impatt ta' l-ilsna tal-qawwiet tal-Qasma, l-aktar fl-oqsma tal-vokabularju tekniku, legali u politiku. Il-kliem missellef mill-Ġermaniż jinkludi pereżempju: obcas ‘takkuna’, szmelc ‘skrapp jew skart’, hebel ‘ċana’, klajster ‘tajn’, wajcha ‘leva’, kurort ‘post tal-kura’, kif ukoll traduzzjonijiet missellfa bħal dworzec kolejowy ‘stazzjon tal-ferrovija’ (cf. il-Ġermaniż Bahnhof ), u listonosz ‘pustier’ (il-Ġermaniż Briefträger, lit. ‘dak li jġorr l-ittra). Influwenzi Russi, li komplew sas-seklu 20, jidhru fi kliem bħal turma ‘ħabs’, zsyłka ‘deportazzjoni’, gułag ‘gulag (ħabs b'xogħol iebes)’, łagier ‘kamp ta' konċentrament Sovjetiku’, kołchoz ‘kolkhoz’, kif ukoll bħal fi dacza ‘dacha’, samowar ‘samovar’ u sputnik. Fit-tieni nofs tas-seklu 20 l-Ingliż sar is-sors primarju tal-kliem missellef. Dan hu partikularment evidenti f'dawn l-oqsma: terminoloġija teknika u xjentifika (serwer ‘server’, skaner ‘skaner’ and trend ‘trend’), business (e.g. biznes ‘biżnis’, boom, leasing, menadżer ‘maniger’, sports (e.g. aut ‘barra’, gol ‘gowl’, tenis ‘tenis’, walkower ‘walk-over’), divertiment (e.g. long-play, playback, song) u l-ħajja ta' kuljum (e.g. piercing, grill, hamburger).

Il-lessiku Pollakk kien ukoll influwenzat minn ilsna oħra bħall-Għarbi, e.g. alcohol, alchemia ‘alkemija’, cyfra ‘ċifra’), l-Ukrajnjan (e.g. bohater ‘eroj’), it-Tork (e.g. janczar ‘ġannizzaru’, kajdany ‘manikli’, pantofel ‘żarbun/papoċċ’), l-Ungeriż (e.g. dobosz ‘tifel tat-tanburlin’, szałas ‘girna’), il-Finlandiż (e.g. sauna), l-Ispanjol (e.g. hacjenda ‘hacienda’), l-Olandiż (e.g. majtek ‘sieħeb/sieħba’), l-Iżlandiż (e.g. gejzer ‘giżer’), il-Ġappuniż (e.g. hara-kiri, karaoke, sake), in-Norveġiż (e.g. slalom, fiord), l-Iżvediż (e.g. skansen ‘mużew etnografiku fil-miftuħ’) u ħafna oħrajn.

## Stejtus Legali

Fl-1918 il-Polonja reġgħet kisbet l-indipendenza tagħha wara 120 sena li fihom kienet maqsuma. Kważi fl-istess żmien ġie stabbilit l-istejtus legali ta' l-ilsien Pollakk: fil-31 ta' Lulju 1924 is-Seym għadda att dwar l-ilsien nazzjonali u uffiċjali ta' l-istat u ta' l-amministrazzjoni lokali. L-att jgħid li "L-ilsien Pollakk kien l-ilsien uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja. Kellu jintuża fil-livelli kollha ta' l-amministrazzjoni statali u lokali, kemm fis-Servizz Statali u kemm fis-Servizz Barrani." Iżda, l-att kien jippermetti lill-membri ta' minoritajiet etniċi li jikkomunikaw ma' l-amministrazzjoni lokali bil-lingwa tagħhom. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-att inbidel b'digriet (ta' l-1945) li hu simili għal ta' qablu, ħlief li hu ma jsemmix id-drittijiet tal-komunitajiet lingwistiċi minoritarji.

Fl-1997 l-Assemblea Nazzjonali adottat il-kostituzzjoni l-ġdida tar-Repubblika tal-Polonja, li kienet l-ewwel kostituzzjoni li qatt qalet li "L-ilsien Pollakk hu l-ilsien uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja" (Art. 27). Sentejn wara, fis-7 ta' Ottubru 1999, is-Seym għadda l-Att dwar l-Ilsien Pollakk li, bi ftit tibdil, għadu jorbot sal-lum. It-tibdiliet l-aktar importanti li ddaħħlu kienu:

- il-possibiltà li wieħed juża ilsien ieħor minbarra l-Pollakk fil-kummerċ u fil-kuntratti ta' l-impjieg (L-Emenda għall-Att dwar l-Ilsien Pollakk tat-2 ta' April 2004)
- u l-possibiltà li wieħed juża ilsna minoritarji u etniċi fl-amministrazzjoni lokali f'distretti li fihom il-persuni li jużaw il-varjant reġjonali huma aktar minn 20% (L-Att dwar il-Minoranza Etnika u Nazzjonali tas-6 ta' Jannar 2005).

idę
idziesz
idzie
idą
idziemy
idziecie
idą
idący
idąca
idące
idąc
szedł
szła
szli
szły

Oto dom mój:
cztery ściany wiersza
W mojej pięknej oczyźnie-polszczyźnie

ściany

## Il-Kunsill għall-Ilsien Pollakk

Il-Kunsill twaqqaf fl-1996 bħala wieħed mill-Kumitati tat-task Force tal-Presidju ta' l-Akkademja Pollakk tax-Xjenzi (PAN). Nofs il-membri huma lingwisti, filwaqt li n-nofs l-ieħor jiġbor fih rappreżentanti minn dixxiplini oħra, bħall-mediċina, il-fiżika, u wkoll nies li jirrappreżentaw oqsma bħal-letteratura, it-teatru jew il-ġurnaliżmu. Skond l-Att dwar l-Ilsien Pollakk ta' l-1999, dan il-korp hu korp konsultattiv li għandu x'jaqsma ma' l-użu tal-lingwa. Ir-responsabiltajiet tiegħu jinkludu:

- l-ippreżentar ta' rapport kull sitt xhur lill-Parlament dwar l-osservanza ta' l-Att dwar l-Ilsien Pollakk;
- l-għoti ta' opinjonijiet (fuq inizjattiva proprja jew fuq ordni tal-Parlament) dwar l-użu ta' l-Ilsien Pollakk fil-midja u fil-kummerċ;
- ustala zasady ortografii i interpunkcji języka polskiego;
- minn barra dawn, il-Kunsill jista' jintalab jagħti parir fuq il-kwistjonijiet kollha lingwistiċi mill-istituzzjonijiet kollha pubbliċi u soċjali, soċjetajiet, skejjel, kif ukoll importaturi, produtturi u distributuri kummerċjali.

# Minoranzi Lingwistiċi

Il-komunitajiet lingwistiċi minoritarji jikkostitwixxu mhux aktar minn 3-4% taċ-ċittadini tar-Repubblika Pollakka. L-ikbar gruppi huma dawk li jitkellmu l-Ġermaniż, il-Bjelorussu, l-Ukrajnjan, il-Litwan, il-Kaxubjan, iċ-Ċek u s-Slovakk. Hemm, iżda, diskrepanza bejn il-figuri mogħtija mill-gruppi minoritarji u l-figuri li jirriżultaw miċ-ċensiment nazzjonali ta' l-2002 (cf. it-tabelli hawn taħt).

In-numru ta' minoranzi etniċi u nazzjonali l-aktar importanti u ta' dawk li jitkellmu lingwi reġjonali

| Lingwa | Il-numru ta' kelliema skond il-komunitajiet etniċi minoritarji (f'eluf) | In-numru ta' kelliema skond iċ-ċensiment nazzjonali ta' l-2002 (f'eluf) |
|---|---|---|
| Ġermaniż | 300 | 147 |
| Bjelorussu | 240 | 48 |
| Ukrajnjan | 220 | 34 |
| Kaxubjan | 53 | 5 |
| Litwan | 25 | 6 |
| Slovakk | 25 | 2 |
| Ċek | 3 | 3 |

L-Att dwar il-Minoranzi Etniċi u Nazzjonali u l-Ilsna Reġjonali ta' l-2005 jagħraf 9 minoranzi nazzjonali (il-Bjelorussa, iċ-Ċeka, is-Slovakka, il-Ġermaniża, il-Litwana, l-Armena, ir-Russa, l-Ukrajnjana u l-Lhudija), 4 minoranzi etniċi (il-Karaims, il-Lemkos, ir-Roms and t-Tartar) u l-komunità Kaxubjana li tuża l-ilsien reġjonali tagħha stess. In-numru ta' rappreżentanti tal-minoranzi jvarja minn ftit tużżani (Karaims) sa ħafna eluf (Ġermaniżi).

Il-korpi governattivi huma legalment obbligati li jappoġġjaw attivitajiet li jwasslu għall-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' l-ilsna minoritarji u reġjonali.

W gąszczu szczawiu
we Wrzeszczu

It-Tagħlim fl-iskejjel f'ilsna minoritarji nazzjonali jew etniċi u f'ilsna reġjoanli

| Lingwa | Skejjel Primarji | | Skejjel Sekondarji | | Skejjel Sekondarji Ogħla | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | skejjel | studenti | skejjel | studenti | skejjel | studenti |
| Total | 553 | 32768 | 197 | 14252 | 14 | 1563 |
| Bjelorussu | 23 | 1766 | 13 | 1029 | 2 | 827 |
| Griek | 1 | 21 | — | — | — | — |
| Yiddish | 1 | 59 | — | — | — | — |
| Kaxubjan | 71 | 3640 | 17 | 614 | 2 | 170 |
| Litwan | 12 | 409 | 4 | 196 | 1 | 74 |
| Lemkjan | 21 | 212 | 10 | 90 | 1 | 13 |
| Ġermaniż | 256 | 24025 | 75 | 11391 | 1 | 121 |
| Romani | 74 | 856 | 19 | 91 | — | — |
| Slovakk | 6 | 197 | 3 | 71 | — | — |
| Ukrajnjan | 88 | 1583 | 56 | 770 | 7 | 358 |

Skond: Mały rocznik statystyczny Polski 2005, Warsaw 2005, p. 229.

Klaszczą kleszcze
na deszczu

## Għarfien ta' Ilsna Barranin

Skond l-istudju "L-Ewropej u l-Ilsna tagħhom" (Eurobarometer 243, Jannar 2006) 55% tal-Pollakki jafu mill-inqas lingwa barranija waħda tajjeb biżżejjed biex jagħmlu konverżazzjoni, u dan hu l-medja ta' l-UE. Fl-2001, iżda, 12% biss tal-Pollakki ddikjaraw li huma kapaċi jagħmlu konverżazzjoni b'żewġ ilsna jew aktar. F'dak iż-żmien l-aktar ilsien popolari kien ir-Russu (23%), warajh l-Ingliż (16%), il-Ġermaniż (14%) u l-Franċiż (2%). Il-figuri li jikkonċernaw l-għarfien ta' lingwa partikulari jinbidlu; fil-preżent iż-żieda fl-Ingliż qed timxi id f'id mat-tnaqqis fir-Russu.

Studju li sar minn TNS OBOP juri li s-soċjetà Pollakka tista' tinqasam fi 3 ġenerazzjonijiet skond il-livell tat-tagħlim tal-lingwi: aktar minn nofs il-ġenerazzjoni ż-żagħżugħa (14-34 sena)) qalu li jafu mill-anqas lingwa waħda, filwaqt li tnejn minn ħamsa biss ta' dawk ta' mezza età (35-54 sena) u kwart tal-ġenerazzjoni anzjana ('il fuq minn 54 sena) qalu l-istess. Ta' min wieħed jinnota li l-għarfien ta' lingwa barranija hu marbut ukoll mal-livell ta' edukazzjoni ta' dak li jkun, ma' l-istejtus soċjali tiegħu u ma' l-impjieg tiegħu, e.g. hu kważi universali qalb il-professjonisti żgħażagħ (b'mod partikulari fost dawk li jokkupaw pożizzjonijiet maniġerjali).

Mali po polu hulali
i pili kakao

## Politika Lingwistika

Fil-Politika lingwistika Pollakka hemm tliet oqsma evidenti: l-ewwel wieħed jikkonċerna l-ilsien Pollakk , it-tieni l-ilsna minoritarji u t-tielet it-tagħlim ta' ilsna barranin. L-Att dwar l-Ilsien Pollakk jistipula l-għanijiet, l-iskop u l-mezzi tal-politika lingwistika fir-rigward ta' l-ilsien Pollakk li hu kemm l-ilsien nattiv tal-biċċa l-kbira taċ-ċittadini Pollakki u l-ilsien uffiċjali ta' l-istat li, min-naħa l-oħra hu ta' ġid komuni għaċ-ċittadini kollha Pollakki. L-Att għadda mill-Parlament bi qbil mal-preambolu għaliex il-Pollakk hu meqjus li hu element bażiku ta' l-identità nazzjonali u waħda mill-kisbiet kulturali nazzjonali;

- *filwaqt li jqis l-esperjenza storika meta l-qawwiet ħakkiema li invadew ħaduha kontra l-ilsien Pollakk sabiex iċaħħdu lill-poplu mill-identità nazzjonali tiegħu;*
- *filwaqt li wieħed jagħraf li l-kultura Pollakka tikkontribwixxi biex tinbena Ewropa b'kulturi varji u li l-preservazzjoni u l-iżvilupp tagħha huma possibbli biss permezz tal-ħarsien ta' l-ilsien Pollakk.*

**Dawn ir-raġunijiet jiġġustifikaw ir-responsabiltajiet li ġejjin (imsemmijin ukoll fl-Att):**

- il-ħarsien ta' l-użu pubbliku tal-lingwa u t-titjib tal-kompetenza ta' dawk li jitkellmuha kif ukoll il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għall-iżvilupp xieraq tal-lingwa bħala għodda għall-komunikazzjoni f'kull qasam tal-ħajja;
- il-promozzjoni ta' l-għarfien tal-lingwa u ta' l-importanza tagħha fil-kultura Pollakka;
- it-tkattir tar-rispett għad-djatetti u l-lingwi reġjonali, kif ukoll l-isforzi biex dawn jibqgħu jeżistu;
- il-promozzjoni ta' l-ilsien Pollakk madwar id-dinja;
- il-provediment ta' assistenza fit-tagħlim tal-lingwa fil-Polonja u lilhinn mill-fruntieri tagħha.

Fil-politika tagħha fir-rigward ilsna oħra ta' ċittadini Pollakki, il-gvern hu obbligat li jsaħħaħ id-djalogu bejn il-kulturi, b'mod partikulari li jappoġġja attivitajiet li għandhom l-għan li jippreservaw u li jiżviluppaw ilsna etniċi, minoritarji u reġjonali. L-istat Pollakk jiggarantixxi d-dritt:

- għall-użu ħieles ta' l-ilsna minoritarji kemm fil-pubbliku kif ukoll fil-privat;
- għat-tixrid u l-iskambju ta' informazzjoni f'ilsna minoritarji;
- għat-tagħlim ta' jew b'ilsien minoritarju.

Filwaqt li jżomm f'moħħu in-numru dejjem jikber u l-kwalità ta' kuntatti internazzjonali istituzzjonali u privati, kif ukoll l-iżvilupp mgħaġġel fil-koperazzjoni internazzjonali fuq livell politiku, ekonomiku u kulturali fuq skala Ewropea u globali, l-istat Pollakk jappoġġja t-tagħlim ta' ilsna barranin fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni fi skejjel regolari u istituzzjonijiet edukattivi għall-adulti. B'hekk, l-età sa meta wieħed hu obbligat li jitgħallem l-ewwel lingwa u aktar tard it-tieni lingwa qed tiċċekken sistematikament. Għarfien tajjeb ta' mill-anqas lingwa barranija waħda hu r-rekwiżit minimu għall-impjegati fiċ-ċivil.

# Istituzzjonijiet Lingwistiċi Pollakki

Dawn li ġejjin huma l-istituzzjonijiet lingwistiċi ewlenin għall-Polonja kollha li għandhom l-obbligu legali li jieħdu ħsieb tal-kwalità tal-komunikazzjoni bil-Pollakk:

**Rada Języka Polskiego przy Prezydium Polskiej Akademii Nauk**
ul. Nowy Świat 72; PL 00-330 Warszawa, tel./faks +48 22 657 28 89
*www.rjp.pl; e-mail: rjp@rjp.pl*

**Państwowa Komisja Poświadczania Znajomości Języka Polskiego jako Obcego**
ul. Smolna 13; PL 00-370 Warszawa, tel.: + 48 22 827 94 10; faks: + 48 22 826 28 23
www.buwiwm.edu.pl/certyfikacja; e-mail:certyfikacja@buwiwm.edu.pl

**Towarzystwo Miłośników Języka Polskiego**
al. Mickiewicza 31; PL 31-120 Kraków, tel. + 48 12 632 63 58
*www.jezyk-polski.pl; e-mail: artur.czesak@wp.pl*

**Towarzystwo Kultury Języka**
ul. Krakowskie Przedmieście 26/28; PL 00-927 Warszawa, tel./faks + 48 22 552 24 00
*www.tkj.uw.edu.pl; e-mail: j.porayski-pomsta@uw.edu.pl*

Czołową ogólnopolską instytucją w zakresie badań nad dawnym i współczesnym językiem polskim jest:

**Instytut Języka Polskiego Polskiej Akademii Nauk**
al. Mickiewicza 31; PL 31-120 Kraków, tel./fax: +48 12 632 87 13
*www.ijp-pan.krakow.pl; e-mail: IreneuszB@poczta.ijp-pan.krakow.pl*

Intensywne badania nad językiem polskim prowadzą również następujące polskie ośrodki uniwersyteckie:

**Instytut Filologii Polskiej Uniwersytetu w Białymstoku**
pl. Uniwersytecki 1; PL 15-420 Białystok, tel. +48 85 745 74 46; tel./faks: +48 85 745 74 78
www: hum.uwb.edu.pl; e-mail: filolog@hum.uwb.edu.pl

**Instytut Filologii Polskiej Uniwersytetu Kazimierza Wielkiego w Bydgoszczy**
ul. Jagiellońska 11; PL 85-067 Bydgoszcz, tel. +48 52 322 98 39; +48 52 322 16 38; +48 52 321 31 80
*www: hum.ukw.edu.pl/uczelnia/strona.php?id=1; e-mail: wydzhum@hum.ukw.edu.pl*

**Instytut Filologii Polskiej Uniwersytetu Gdańskiego**
ul. Wita Stwosza 55; PL 80-952 Gdańsk 5, tel. +48 58 523 21 00; faks: +48 58 341 16 66
*www.fh.ug.gda.pl*

**Wydział Filologiczny Uniwersytetu Śląskiego w Katowicach**
pl. Sejmu Śląskiego 1; PL 40-032 Katowice, tel. +48 32 256 24 02, +48 32 256 24 22
*www: venus.fil.us.edu.pl*

**Instytut Polonistyki Uniwersytetu Jagiellońskiego**
ul. Gołębia 16; PL 31-007 Kraków, tel. +48 12 422 05 54, 663 13 34; faks: +48 12 429 28 65
*www.polonistyka.uj.edu.pl; e-mail: wpuj@polonistyka.uj.edu.pl*

**Instytut Filologii Polskiej Katolickiego Uniwersytetu Lubelskiego**
Al. Racławicke 14; PL 20-950 Lublintel. +48 81 445 43 20

but
buta
butowi
butem
bucie
buty
butów
butom
butami
butach

*www.kul.lublin.pl/1152.html*

**Wydział Humanistyczny Uniwersytetu im. Marii Skłodowskiej-Curie w Lublinie**
pl. Marii Curie-Skłodowskiej 4; PL 20-031 Lublin
*www.umcs.lublin.pl/index.html?akcja=str&id=169&lang=1*

**Wydział Filologiczny Uniwersytetu Łódzkiego**
ul. Kościuszki nr 65; PL 90-514 Łódź, tel. +48 42 665 52 53; faks: +48 42 665 52 54
*www.filolog.uni.lodz.pl; e-mail: filolog@uni.lodz.pl*

**Wydział Humanistyczny Uniwersytetu Warmińsko-Mazurskiego w Olsztynie**
ul. Kurta Obitza 1; PL 10-725 Olsztyn
*www: human.uwm.edu.pl*

**Instytut Filologii Polskiej Uniwersytetu Opolskiego**
pl. Kopernika 11; PL 45-040 Opole, tel. + 48 77 54 16 003; faks: +48 77 54 16002
*www.pol.uni.opole.pl; e-mail: filpol@uni.opole.pl*

**Wydział Filologii Polskiej i Klasycznej Uniwersytetu im. Adama Mickiewicza w Poznaniu Collegium Maius**
ul. Fredry 10; PL 61-701 Poznań, tel. +48 61 829 46 92-94; faks: +48 61 829 36 41
*www.amu.edu.pl/index.php?linkid=1966*

**Wydział Filologiczny Uniwersytetu Rzeszowskiego**
al. Rejtana 16 B; PL 35-959 Rzeszów, tel. +48 17 872 12 05, +48 17 872 12 06;
faks: +48 17 872 12 86
*www.univ.rzeszow.pl/wydzial_filologii.php; e-mail: dziefil@univ.rzeszow.pl*

**Instytut Filologii Polskiej Uniwersytetu Szczecińskiego**
al. Piastów 40b; PL 71-065 Szczecin, tel. +48 91 444 27 13; tel./faks: +48 91 444 27 12
*www.us.szc.pl/hum_ifp; e-mail: dorlew@univ.szczecin.pl*

**Wydział Filologiczny Uniwersytetu Mikołaja Kopernika w Toruniu**
ul. Fosa Staromiejska 3; PL 87-100 Toruń, tel. +48 56 611-35-10; tel./faks: +48 56 622-66-59
*www.fil.umk.pl*

**Wydział Polonistyki Uniwersytetu Warszawskiego**
ul. Krakowskie Przedmieście 26/28; PL 00-927 Warszawa, tel. +48 22 55 20 428
*www.polon.uw.edu.pl*

**Wydział Nauk Humanistycznych Uniwersytetu Kardynała Stefana Wyszyńskiego w Warszawie**
ul. Dewajtis 5, PL 01-815 Warszawa, tel. +48 22 561 89 03
*www.wnh.uksw.edu.pl; e-mail: polonistyka@uksw.edu.pl*

**Wydział Filologiczny Uniwersytetu Wrocławskiego**
pl. Biskupa Nankiera 15; PL 50-140 Wrocław
tel. +48 71 343 30 29, +48 71 375 22 25, +48 71 375 25 13; faks: +48 71 343 30 29
*www.wfil.uni.wroc.pl/*

**Wydział Humanistyczny Uniwersytetu Zielonogórskiego**
al. Wojska Polskiego 69; PL 65-762 Zielona Góra, tel. + 48 68 328 32 38; faks: + 48 68 328 32 79
*www.wh.uz.zgora.pl; e-mail: dziekanat@wh.uz.zgora.pl*

*Publisher's Afterword*

On 22 February 2005 the Senate of the Republic of Poland passed a special resolution, thus making 2006 the Year of the Polish Language. Recognizing the fact that the Polish language is the fundamental element of Polish national identity and that it is one of the nation's greatest treasures, the Senate expressed the view that this special year would create favourable conditions for showing the enormous wealth and diversity of the Polish language, from the standard language to regional and rural dialects. In the Senate's opinion, as a result of Poland's accession to the European Union, responsibility for the Polish language has taken on a new, international dimension. Since Polish has become an official language of the European Union, not only is it necessary to promote and preserve its use in Poland, but also to promote knowledge about the Polish language and encourage people to learn Polish abroad.

Many seminars, conferences and congresses –- both national and international – have taken place during the Year of the Polish Language. There have also been many competitions for oratory talent and recitation contests, as well as quizzes about the Polish language, and many other events, including countrywide public spelling competitions.

The Council for the Polish Language was invited to act as one of the Year's coordinating bodies. It also took under its wing several projects put forward by various institutions, aimed at popularising knowledge about the Polish language and promoting a healthy enthusiasm for it. One of these projects was the publication of this booklet about the Polish language, now and in the past, in the 20 official languages of the European Union.

The aim of this booklet is to popularize knowledge about the Polish language and to contribute to the flow of information about European languages and the sociolinguistic situation in EU countries, thus promoting the development of a plurilingual Europe with a rich linguistic heritage and one in which the inhabitants would have a certain ability to communicate in several languages, including the Polish language, which would comprise an integral part of this European diversity.

Prof. Andrzej Markowski
Chairman of the Council for the Polish Language.

Warsaw, December 2006

Aby język giętki powiedział wszystko,
co pomyśli głowa

A niechaj narodowie
wżdy postronni znają,
Iż Polacy nie gęsi,
iż swój język mają